# Il-Misqa ta' l-Imnajdra u Ħaġar Qim

## *Il-Miraklu ta' Żmien il-Ġebel*

kitba ta' Joseph S. Ellul



**Il-kelma** 'Misqa' hija kelma Semitika pura mnissla mill-kelma 'tisqi' tal-verb 'seqa' jew 'saqqa'. Il-Malti, li hu Semitiku, inissel in-nom mill-verb billi jżid l- 'M' fil-bidu tal-kelma. Minn 'rewwaħ' nagħmlu 'mrewħa', minn 'taħan' nagħmlu 'mitħna'. Mela l-kelma 'misqa', li għadha tintużha ħafna llum, tfisser post fejn wieħed 'jisqi' lil xi ħadd, jew annimali jew għasafar.

Dan il-post ġie msejjaħ 'Misqa' mhux għalxejn, imma għax fih hemm imħaffrin seba' (mhux sitta kif jaħsbu xi għorrief) bjar kbar. Dawn il-bjar tħaffru minn ta' l-anqas tmint elef jew għaxart elef sena ilu fi żmien l-Għodda tal-Ġebel. Dak iż-żmien, naturalment, ma kellhomx la *jackhammers* lanqas bqaqen ta' l-azzar u għalhekk kienet biċċa xogħol enormi biex tħaffer dak il-kobor kollu bil-għodda taż-żnied.

Fuq din il-blata kważi fil-quċċata hemm imħaffrin żewġ bjar bil-bokka ovali, twila ħdax-il pied u wiesgħa ħames piedi. Dawn huma fondi xi sitt piedi u ma humiex imsaqqfin. Hemm ukoll żewġ bjar fondi, tondi forma ta' qanpiena u imsaqqfin. Għandhom bokka kważi tonda imma ftit elliptika ta' madwar seba' piedi. Dawn huma msaqqfin bi travi tal-blat maġenb xulxin, iżda għandhom bokka fin-nofs minn fejn wieħed jista' jimla l-ilma. Dawn iż-żewġ bjar imsaqqfin huma minfudin għal xulxin b'mina żgħira fil-qiegħ li tista' tidher minn fuq. Il-bir ovali li mhux imsaqqaf li qiegħed qrib ta' dawn, ukoll huwa minfud b'toqba żgħira ġewwa xi brama. Wieħed jinduna wkoll li dawn it-tliet bjar jinfdu, għaliex wieħed jista' jinnota li l-livell ta' l-ilma ta' ġewwa dawn it-tlett ibjar huwa dejjem l-istess fit-tlett ibjar.



*Il-Misqa – wieħed mill-bjar ovali mhux imsaqqaf.*

Dawn il-bjar huma mħaffrin fi blata fuq il-quċċata ta' għolja u għalhekk wieħed jiskanta kif dawn il-bjar jimtlew bl-ilma. Imma meta wieħed jeżamina sewwa l-wiċċ ta' din il-blata li ġejja wkoll ftit imżerżqa min-naħa tal-Grigal, jara li fil-wiċċ tal-blata hemm ħafna kanali żgħar imħaffrin biex isewqu l-ilma tax-xita sabiex imur fil-bjar u ma jinħeliex. Jekk wieħed mill-bjar ovali li jirċievi ħafna ilma jfettillu jfur, l-ilma żejjed tiegħu jgħaddi għal ġewwa bjar oħra; it-tlieta l-minfudin flimkien. Il-pjan tat-tiswiq ta' l-ilma fuq il-blata huwa perfett. Hemm min jaħseb li huma xi disinni ta' xi għasfur. Dawk huma kanali biex l-ilma li jaqa' fuq il-blata jiġi msewwaq għal ġewwa l-bjar u ma jinħeliex.

Sa issa għadni semmejt biss l-erba' bjar li jżommul-ilma. Fuq din il-blata hemm ukoll imħaffrin tliet bjar oħra kbar, fondi ħafna madwar xi għoxrin pied. Il-bokok tagħhom huma tondi ta' xi erba' piedi dijametru u ż-żewġ bokok li jidhru huma mbegħdin minn xulxin xi seba' piedi u nofs. It-tielet bir ma jidhirx. Peress li dawn it-tliet bjar ma jżommux ilma baqgħu mimlija b'ħafna mazkan u qatt ma tnaddfu sewwa, anzi, meta tnaddfu l-bjar l-oħra, il-ġebel żejjed intefa' fihom u komplew imtlew.

Dawn it-tliet bjar kbar huma miftuħin minn taħt u kienu jagħmlu ġiebja waħda kbira li kieku kienu jżommu l-ilma. Sir Temi Zammit ma jsemmix dan it-tielet bir, għax meta kiteb il-ktieb tiegħu, il-bir kien għadu ma ġiex skavat. Madankollu dan il-bir baqa' mirdum sa llum, tant li minn ġo fih kibret tina u saret daqs ħarruba. Sabet l-art. Ma hemm l-ebda tina kbira daqsha.

Issa nispjega fejn qiegħed il-miraklu tal-Misqa. Dan li se ngħid jifhmuh l-aktar dawk li jifhmu fil-blat. In-naħiet ta' Ħaġar Qim u l-Imnajdra hemm blat imħawwad. Taħt hemm żonqor iebes u fuqu ssib jew turbazz bħal Ħassejjieq, jew franka mfarrka, kollha qigħan żlugati. Dan nafuh ukoll bil-prattika, għax ħdimna ġewwa fih. Anke l-karti uffiċċjali fil-mużewijiet hekk juru.

Mela bies issib dik il-biċċa blata fina, bla qigħan, ma tixrobx ilma u fl-istess ħin ġebla ratba, kienet tassew ħaġa ta' l-għaġeb li tista' ssejħilha mirakoluża. Anke Sir Temi Zammit jispjega dan, naturalment kif spjegalu missieri, li kien espert tal-blat u kien jaf il-kwalità tal-blat ta' dawk l-inħawi fuq ponot subgħajh. Sir Temi jikteb li din il-blata kienet l-unika post fejn setgħu ħaffru dawn il-bjar.

Issa l-kbira hi, kif sabu din il-blata adattata għal dak kollu li kellhom bżonn huma. Ibqgħu żguri li ma terġax issib biċċa blata oħra bħal dik ma' Malta kollha. Mhux ta' b'xejn li nikkunsidraha kważi mirakoluża. U din ma hix l-uniku każ qisu mirakoluż. Hemm każ ieħor li ktibtu f'magażin ta' l-arkeoloġija internazzjonali.

Biex setgħu jagħmlu dawn l-affarijiet ta' l-għaġeb, jiena ngħid li kellhom kapaċitajiet mhux tas-soltu u kellhom intelliġenza kbira.

*8-5-2002* **Qrendi**